

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn ma ssodisfatx l-obbligu tagħha li teżamina d-dokumenti li huma s-suġġett tar-rifjut ta' aċċess, billi kkunsidrat li tista' tistħarreġ l-approċċ tal-Kummissjoni mingħajr ma tikkonsulta d-dokumenti inkwistjoni.

4. Ir-raba' motiv: kontradizzjoni u żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma tatx l-importanza mistħoqqa għall-irregolaritajiet ta' proċedura mwettqa fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Is-sentenza kkontestata hija vvizjata bi żball ta' liġi sa fejn ċaħdet li l-iżbalji proċedurali mwettqa mill-Kummissjoni kellhom konsegwenzi fuq il-kapaċità tal-appellanti li tasserixxi l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-applikabbiltà tal-preżunzjoni ta' kunfidenzjalità f'dan il-każ. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-iżbalji inkwistjoni kienu kkompromettew id-drittijiet proċedurali tal-appellanti, u b'hekk essenzjalment biddlu l-preżunzjoni ġenerali ta' preġudizzju għall-iskop ta' investigazzjoni, li hija preżunzjoni relattiva, fi preżunzjoni inkonfutabbli.

5. Il-ħames motiv: żball ta' liġi f'dak li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta affermat li ma kien jeżisti ebda interess pubbliku superjuri li seta' jopponi l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni, kif kellha tagħmel, l-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti dwar dan il-punt.

(¹) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Polonja) fis-
17 ta' Ġunju 2015 – Edyta Mikołajczyk vs Marie Louise Czarnecka, Stefan Czarnecki**

(Kawża C-294/15)

(2015/C 311/23)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Apelacyjny w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Edyta Mikołajczyk

Konvenuti: Marie Louise Czarnecka, Stefan Czarnecki

Domandi preliminari

- 1) Proċeduri għall-annullament ta' żwieġ wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (¹)?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament imsemmi hawn fuq huwa estiż għal proċeduri għall-annullament ta' żwieġ mibdija minn persuna li ma hijiex wieħed mill-konjuġi?

- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, fi proċeduri għall-annullament ta' żwieġ mibdija minn persuna li ma hijiex wieħed mill-konjuġi, il-ġurisdizzjoni tal-qorti tista' tkun ibbażata fuq il-bażijiet msemmija fil-ħames u fis-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Litwanja) fit-18 ta' Ġunju 2015 – UAB Borta vs Direzzjoni tal-port marittimu nazzjonali ta' Klaipėda

(Kawża C-298/15)

(2015/C 311/24)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: UAB Borta

Konvenuta: Direzzjoni tal-port marittimu nazzjonali ta' Klaipėda (*VĮ Klaipėdos valstybinio jūrų uosto direkcija*)

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37, 38, 53 u 54 tad-Direttiva 2004/17 (¹), moqrija flimkien jew separatament (iżda mingħajr limitazzjoni) għandhom jinftiehem u jiġu interpretati fis-sens li:
- a) dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, f'każ ta' użu ta' sottokuntratturi bil-għan li jiġi eżegwit kuntratt tax-xogħol, ix-xogħlijiet prinċipali, kif definiti mill-Awtorità kontraenti, għandhom jitwettqu mill-kontraent?
 - b) dawn jipprekludu modalitajiet, iddefiniti fid-dokumenti ta' sejħa għal offerti, li jippermettu li jingħaqdu f'gruppi l-kapaċitajiet professjonali tal-fornituri, bħal dawk iddefiniti mill-Awtorità kontraenti fiċ-ċirkustanza tas-sejħa għal offerti, li jeħtieġu li l-parti relatata mal-kapaċitajiet professjonali tal-operatur ekonomiku kkonċernat (ta' parti għall-ftehim ta' assoċjazzjoni) għandha tikkorrispondi b'mod proporzjonali mal-parti tax-xogħlijiet li jwettaq realment fil-kuntest tal-kuntratt pubbliku?
- 2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10, 46, 47 tad-Direttiva 2004/17, moqrija flimkien jew separatament (iżda mingħajr limitazzjoni) għandhom jinftiehem u jiġu interpretati fis-sens li:
- a) il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u ta' trasparenza ma humiex miksura meta l-Awtorità kontraenti:
 - tiddefinixxi minn quddiem fid-dokumenti ta' sejħa għal offerti possibbiltà ġenerali ta' ggruppjar tal-kapaċitajiet professjonali tal-fornituri, iżda mhux il-modalitajiet konkreti tagħha ta' implementazzjoni;
 - tiddefinixxi iktar speċifikament wara, matul il-proċedura ta' sejħa għal offerti, il-kundizzjonijiet ta' evalwazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-fornituri billi jiġu previsti ċerti limitazzjonijiet għall-iggruppjar tal-kapaċitajiet professjonali tal-fornituri; jew
 - testendi, minħabba din id-definizzjoni iktar speċifika tal-kontenut tal-ħtiġijiet ta' klassifikazzjoni, it-terminu limitu ta' preżentazzjoni tal-offerti u tiddikjara din l-estenzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali?